MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2166/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mario Azzopardi u l-istess Mario Azzopardi**

**Vs**

**Carmela Zammit**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici fejn il-konvenuta giet ikkundannata thallas is-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltin (Lm589) rapprezentanti danni kkagunati lill-vettura HAC 336 rizultat ta' incident stradali li sehh fis-27 ta' Settembru, 2003 fi Triq il-Falkunier, Fgura waqt li l-istess konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura JBA 414,

proprjeta’ taghha stess. Hi dahlet gol-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAC 336, proprjeta’ ta’ l-attur Mario Azzopardi li huwa assigurat ma’ Montaldo Insurance Agency Limited. Il-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident kawza ta’ imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li tghid illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante l-fatt li ma kienetx il-konvenuta li kkagunat l-incident awtomobilistiku in kwistjoni izda kien tort unikament ta’ Mario Azzopardi.

Ra x-xhieda ta’ David Debono rapprezentant tas-socjeta’ attrici, l-imsemmija Montaldo Insurance Agency Limited. Hu esebixxa prospett tad-danni DD1 sa DD15 waqt li kkonferma li s-socjeta’ attrici hallset l-ammonti kollha.

Ra d-dokumenti esebiti. Id-dokument DD11 jinkludi *Driver’s Statement*.

Rigward il-karozza HAC 336 proprjeta’ ta’ l-attur intqal:

“Azzopardi stated that he turned from Triq il-Valleran towards Triq il-Falkunier on his side of the road. Whilst the other vehicle was emerging, he noticed the driver of the other vehicle looking to her right, dashing to his front. Azzopardi further stated that there were no cars parked in the corner of the street.”

Rigward il-karozza JBA 414 proprjeta’ tal-konvenuta ntqal: “Zammit stated that she was proceeding to Triq il-Falkunier with a low moderate speed, taking precautions to stop onto the stop sign in the corner. Zammit also stated that there was a vehicle parked in the corner on her left. All of a sudden, vehicle HAC 336 entered into Triq il-Falkunier with excessive speed and dashed into her front side of her vehicle. With the impact the other vehicle was pushed backwards.”

Ra x-xhieda ta’ David Debono, Claims Manager mas-socjeta’ attrici. Jiddikjara li Mario Azzopardi hu assigurat

*comprehensive* mal-kumpanija ta’ l-assigurazzjoni Montaldo Insurance Agency Limited. L-imsemmi assigurat hallas l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess*. Is-socjeta’ attrici hallset id-danni kollha li kellu u ghaldaqstant qed jikklejmjaw l-ammont fi citazzjoni. Hu esebixxa dokumenti rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici.

Ra x-xhieda ta’ Mario Azzopardi, s-sid tal-vettura HAC 336. Jikkonferma li dakinhar ta’ l-incident kien qieghed isuq din l-istess vettura. Meta kiser mad-dawra biex jidhol minn Triq il-Valleran ghal Triq il-Falkunier, ra l-vettura JBA 414 ma’ wiccu. Ra li l-konvenuta ma kienetx qieghda thares fid-direzzjoni tieghu. Kien hemm distanza ta’ xi karozza u nofs bejn il-vettura tieghu u tal-konvenuta. Hu pprova jibbrejkja u kellu xokk u hasda fuqu. F’Triq il-Falkunier fil-hin ta’ l-incident kien hemm il-karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat madanakollu zewg karozzi jghaddu komdi fid-direzzjoni opposta. Jghid li l-karozza tal-konvenuta kienet il-bicca l-kbira fuq is-*side* tieghu jigifieri fir-*wrong lane*. Sussegwentement l-attur sar jaf li oht il-konvenuta kellha garaxx fl-istess triq in kwistjoni u jghid illi kienet qieghda thares fid-direzzjoni tal-garaxx fil-hin ta’ l-incident. Jghid li kien ghaddej bil-mod izda meta gara l-incident ma rnexxielux jieqaf ghalkemm isslowja.

L-attur ma jaqbilx ma’ l-iskizz billi m’humiex immarkati l-karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat. Jaqbel mal-pozizzjoni tal-karozza tieghu kif impingija izda mhux ma’ dik tal-konvenuta.

“Il-karozza tal-konvenuta kienet aktar fuq is-*side* tieghi milli tidher fl-iskizz.”

L-attur jiddikjara li hu kellu hsara fil-parti tal-lemin tad-driver, waqt li hi kellha hsara fil-parti l-kbira tal-karozza, jiddiskriviha bhala *total loss* izda mhux *total loss* f’terminu legali. Fil-fatt ma setghetx issuqha. Jghid li wara l-incident il-konvenuta kkuntattjat lill-attur u qalet li se thallas kollox hi, kif ukoll li se ggiblu l-parts. Qaltlu wkoll li se thallaslu l-karozza tal-kiri. Madanakollu ma sar xejn

minn dan. Ghaldaqstant, l-attur qalilha li se jmur ghand l-insurance tieghu.

Meta xehdet il-konvenuta qalet li kienet kwazi waslet fil-kantuniera meta l-attur gie "gas down u faqani, dahal fija". Il-konvenuta qalet li b'rizultat tal-habta l-karozza taghha resqet lura. Fil-kontro-ezami l-konvenuta ammettiet li ghall-ewwel kienet se tirranga u kienet anki ltaqghet mal-mekkanik izda mbaghad hadet parir ta' avukat u ghazlet li tikkontesta r-responsabbilta'. Il-konvenuta qalet li rat il-karozza l-ohra meta habtet go fiha.
Mill-i*spot of impact* kif jirrizulta mill-iskizz jirrizulta li l-konvenuta kienet fuq in-naha l-hazina tat-triq. L-attur kellu l-obbligu pero' li qabel ma jidhol fi triq fuq ix-xellug tieghu li jara x'hemm fit-triq. Hemm diversi sentenzi li jsemmu l-obbligu li tieqaf u tesplora t-triq adegwatament qabel ma tidhol. (Ara **Citadel Insurance plc Vs Stephen Zarb – Tribunal Ghal Talbiet Zghar AJD 16/4/2004**).

Fil-kawza **Untours Vs Saliba - PA 29/1/2004 JRM** intqal:

"Illi huwa maghruf li hija regola generali fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilta' f'habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri (a) li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha ta' l-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici) u (b) li jzomm attenzjoni (proper lookout) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih." (Ara wkoll **Formosa & Camilleri Vs Joseph Camenzuli - RCP 26/4/2001** u **Bonello Vs Abela PS 21/10/2002**).

Illi l-attur naqas li jesplora tajjeb Triq il-Falkunier. Il-konvenuta kienet *wrong side* u hi wkoll naqset li zzomm *a proper lookout* ghaliex rat lill-attur biss mal-habta. Ghaldaqstant iz-zewg sewwieqa kienu ugwalment responsabbli ghall-incident.

Id-danni mhux ikkontestati.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-atturi l-

ammont ta’ mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm294.50c) bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza. Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------